# <u>STATUT TAT-*TRADE UNION* TAL-ISTUTUT TAL-ĠURNALISTI MALTIN</u>

(As approved during AGM on May 24, 2024)

**ISEM:**

L-isem tal-Unjoni huwa: **Istitut tal-Ġurnalisti Maltin** u l-indirizz reġistrat hu: **Room No. 120, Third Floor 280/3 Republic Street Valletta, Malta.**

L-indirizz reġistrat tal-Unjoni mhuwiex wieħed fiss minħabba li jista' jinbidel mill-Kunsill tal-Istitut minn żmien għal ieħor.

**SKOP:**

L-iskop tal-Unjoni huwa:

1. Li tipprovdi mezz effettiv u effiċjenti lill-ġurnalisti u membri oħra li jahdmu fis-settur tal-midja – miġbura fi ħdanu, biex jaħdmu flimkien għall-iżvilupp tal-ġurnaliżmu u jsaħħu r-relazzjoni ta' ħbiberija u kooperazzjoni bejniethom;

2. Li tipprovdi faċilitajiet u servizzi professjonali u personali lill-ġurnalisti biex dawn jieħdu kull opportunita` biex itejjbu l-ħiliet u l-kwalifiċi tagħhom u jaqsmu esperjenzi komuni;

3. Li toħloq mekkaniżmu u timplimenta miżuri li jassiguraw d-dixxiplina tal-membri tal-Unjoni, li jippromwovi l-ogħla valuri morali kif ukoll li jassiguraw li l-membri tiegħu jerfgħu r-responsabbilita` fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom bħala ġurnalisti. Dan konxju tal-fatt li l-informazzjoni u l-komunikazzjoni għandhom sehem importanti fl-iżvilupp personali ta' kull ċittadin u fl-evoluzzjoni ta' soċjeta` demokratika;

4. Li taħdem sabiex il-professjoni ġurnalistika takkwista r-rikonoxximent u r-rispett li jixirqilha u li tipproteġi d-dritt fundamentali tal-libertà ta' informazzjoni u ta' espressjoni;

5. Li tirrapreżenta lill-ġurnalisti gewwa Malta f'organizzazzjonijiet internazzjonali tal-Ġurnalizmu, fosthom fl-'International Federation of Journalists' (IFJ) u fil-'European Federation of Journalists' (EFJ).

**IN-NATURA TAT-*TRADE UNION*:**

6. L-Unjoni hija awtonoma u volontarja.

7. L-Unjoni għandha s-seta' li tidħol u tassumi l-obbligi permezz ta' kuntratti f'isimha. Il-President tal-Kunsill, iżda, għandu jidher u jiffirma f'isem l-Unjoni f'dawn il-kuntratti bħala r-rappreżentant legali tal-Unjoni.

8. L-Unjoni se tkun waħda li ma tagħmilx profitt u dan kif definit fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta) u kull fondi żejda li jistgħu jiġu rċevuti jew iġġenerati mill-attivitatjiet tagħha se jkunu qed jiġu investiti mill-ġdid fl-istess Unjoni.

9. L-ebda parti mid-dħul, kapital jew proprjeta` tal-Unjoni ma huma jew se jkunu disponibbli, la direttament u lanqas indirettament lil ebda promotur, fundatur, membru, amministratur, donatur jew kull interess privat ieħor.

10. Il-proprjeta` u l-fondi miġbura mill-Unjoni jappartjenu lill-Unjoni, u mhux lill-membri jew lill-Kunsill tal-istess Unjoni. Iżda, il-poter sabiex il-proprjeta` jew fondi tal-Unjoni jiġu disposti, amministrati jew immaniġjati, jappartjeni lill-Kunsill tal-Unjoni.

11. Bħala Unjoni awtonoma, l-Unjoni għandha s-seta' li tħarrek jew li tiġi mħarrka f'isimha.

## KIF IL-PROPRJETA` JEW FONDI TAL-UNJONI GĦANDHOM JIĠU MMANIĠJATI:

12. It-Teżorier għandu jżomm Reġistru tal-proprjeta` u l-fondi kollha li jappartjenu lill-Unjoni.

13. Meta l-Unjoni takkwista proprjeta` jew fondi, it-Teżorier tal-istess Unjoni għandu jinkludi d-data ta' dħul tal-proprjeta` jew fondi f'Reġistru, kif waslu għand l-Unjoni.

14. Il-Kunsill għandu jiddetermina kif għandhom jintużaw il-proprjeta` u l-fondi tal-Unjoni. Din id-deċizjoni għandha tgħaddi b'minn tal-inqas maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kunsill. Id-deċizjoni għandha tiġi mniżżla fir-Reġistru, bid-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill inkluż.

15. Kull persuna b'interess fil-fondi tal-Unjoni għandha d-dritt li tara u tispezzjona l-kotba tal-Unjoni. L-istess persuni għandhom ukoll id-dritt li jispezzjonaw l-ismijiet tal-membri tal-istess Unjoni. Sabiex issir din l-ispezzjoni, il-persuna in kwistjoni għandha tinforma l-Kunsill bil-miktub b'din it-talba sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji.

## KIF GĦANDHOM JINŻAMMU L-*ACCOUNTS* TAL-UNJONI:

16. It-Teżorier tal-Unjoni huwa responsabbli li jżomm l-*accounts* tal-Unjoni. Huwa għandu jassigura li dawn l-*accounts* ikunu sħaħ u eżatti sabiex jirriflettu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

17. It-Teżorier huwa responsabbli li jaċċerta li kull sena jinħatru żewġ reviżuri u dan skont proviżjoni numru 95. L-istess uffiċjal għandu jassigura li ssir il-verifika ta' kull sena tal-kontijiet ('annual auditing of accounts').

18. Fi żmien xahar minn meta jsir l-'auditing of accounts', it-Teżorier għandu jibgħat kopja ta' dawn l-accounts lir-Reġistrar ta' Trade Unions. Dan ai termini ta' Artikolu 50 tal-Kap. 452 (L-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali).

19. It-Teżorier huwa responsabbli li jistabilixxi u jżomm sistema sodisfaċenti ta' kontrollar tar-rekords tal-kontijiet tal-Unjoni u tal-flus li jkollha f'idejha, kif ukoll tad-dħul u rimessi tal-Unjoni.

20. It-Teżorier għandu jassigura li r-rekords tal-kontijiet tal-operazzjonijiet u tal-assi u liabilities tal-Unjoni, jagħtu ħarsa vera u xierqa dwar il-qagħda tal-Unjoni.

21. Il-membri kollha huma intitolati li jkollhom kopja tal-audited accounts l-iktar riċenti b'xejn, jew għal prezz stipulat mill-Kunsill.

**SĦUBIJA FL-UNJONI:**

22. Is-sħubija fl-Unjoni tal-Istatut tal-Ġurnalisti hija miftuħa għal:
    a. Ġurnalisti Maltin kollha, inklużi fotografi, *cameramen* u ħaddiema oħra li jaħdmu fil-midja li d-dħul ewlieni tagħhom jew parti sostanzjali mid-dħul ġej mill-ġurnalizmu;
    b. Dawk li fil-fehma tal-Kunsill huma ġurnalisti bona fide a bażi tal-kontribuzzjoni li taw jew għadhom jagħtu fil-qasam ġurnalistiku ta' Malta;
    c. Korrispondenti regolari ta' gazzetti, aġenziji tal-aħbarijiet u/jew stazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni barranin, magħrufa bħala '*stringers'*, kemm jekk kittieba, xandara, fotografi jew *cameramen* u ġurnalisti ta' nazzjonalita` barranija li jkunu residenti f'Malta;
    d. Ġurnalisti li jifformaw parti mill-Għaqda Ġurnalisti Sports.

23. Sabiex jiġi determinat, uffiċjalment, in-numru ta' membri ġewwa l-Unjoni, għandhom jiġu kkunsidrati biss dawk li huma minn tal-inqas sittax-il sena (16) u residenti ġewwa Malta.

24. Is-sħubija fl-Unjoni trid tkun approvata mill-Kunsill tal-Istitut.

25. L-applikazzjonijiet għas-sħubija jridu jkunu kkunsidrati u approvati jew miċħuda fi żmien xahrejn mid-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni lis-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni.

26. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni li joffri sħubija temporanja lil ġurnalisti barranin li jkunu qed iżuru lil Malta jekk dawn ikunu membri ta' organizzazzjoni ġurnalistika akkredita f'pajjiżhom. Dawn il-ġurnalisti jkunu ntitolati għall-istess servizzi daqs ġurnalisti Maltin iżda ma jkollhomx dritt jivvutaw fil-laqgħat tal-Unjoni. Fil-każ ta' dawn il-membri, l-provedimenti ta' din is-sezzjoni ma japplikawx.

27. Kull membru għandu d-dritt li jingħata kopja tal-Istatut, jekk jintalab. Din il-kopja għandha tingħata b'xejn jew għal prezz stipulat mill-Kunsill. L-Istatut għandu jitpoġġa fuq is-sit elettroniku tal-Istatut tal-Ġurnalisti.

28. Kull talba għat-tkeċċija ta' xi membru għandha l-ewwel tiġi investigata mill-Kummissjoni tal-Etika Ġurnalistika. Jekk skont il-fehma ta' din il-Kummissjoni, ikun hemm każ għat-tkeċċija, trid issir mozzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali jew fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja, skont il-każ.

**ĦLAS GĦAS-SĦUBIJA:**

29. Il-membri għandhom iħallsu miżata ta' €30 fis-sena, bil-quddiem, għall-isħubija ta' sena f'din l-Unjoni.

30. Il-membri jistgħu japplikaw għall-International Press Card (IPC) offruta mill-International Federation of Journalists (IFJ), li l-Unjoni tal-Istitut tal-Ġurnalisti Malta hija l-unika

organizzazzjoni f'Malta rikonoxxuta minnha. Il-membri jistgħu jħallsu miżata ta' €100, li tkopri perjodu ta' sentejn kif ġej: €50 għall-applikazzjoni għall-IPC li l-Unjoni tgħaddi lill-IFJ, u €50 li tkopri l-miżata tal-Unjoni għall-istess perjodu ta' sentejn.

31. Il-Kunsill, minn żmien għal żmien, jista' jistabilixxi ħlasijiet ġodda skont id-diskrezzjoni tiegħu.

32. Membri li jonqsu milli jġeddu s-sħubija sa tliet xhur wara li jkun imisshom jagħmlu dan jistgħu jitneħħew mir-reġistru tal-membri awtomatikament. Is-Segretarju Responsabbli għas-Sħubija għandu jinfurma bil-miktub il-membri li ma ħallsux fiż-zmien li skaditilhom l-isħubija, u li jekk wara tlett xhur mid-data li kellhom iġeddu s-sħubija dawn ma jottemperawx ruħhom u jħallsu l-miżata, dawn ser jinqatgħu mir-reġistru.

**BENEFIĊĊJI FINANZJARJI GĦALL-MEMBRI:**

33. Id-deċiżjoni ta' liema membri huma entitolati għall-benefiċċji finanzjarji, l-ammont ta' tali benefiċċji finanzjarji u ċ-ċirkustanzi ta' meta dawn jirriżultaw, għandhom jiġu ddetterminati mill-Kunsill tal-Istatut fil-laqgħat ġenerali.

34. Kull deċiżjoni li ttieħed mill-Kunsill tal-Istatut dwar benefiċċji finanzjarji mhix waħda fissa minħabba li dawn ħafna drabi jinbiddlu minn żmien għall-ieħor.

**ID-DIXXIPLINA TAL-MEMBRI TAL-UNJONI:**

35. Il-Kunsill tal-Istatut għandu r-responabbilta` li jieħu l-miżuri dixxiplanrji meħtieġa, inkluż talba għat-tkeċċija ta' membru li jikser xi miżuri.

36. Il-miżuri illi jridu jsegwu l-membri huma deċiżi mill-Kunsill tal-Istatut. Tali miżuri jinbiddlu minn żmien għall-ieħor sabiex jkopru kull possibilita` ta' tibdil jew ħolqien ta' drittijiet ġodda.

37. Il-Kunsill tal-Istatut huwa mgħobbi b'dan il-poter sabiex jiġi milħuq l-iskop ta' dan l-istitut, li ultimament huwa li jippromwovi l-ogħla valuri morali u jassigura li l-membri jerfgħu r-responabbilta` fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom bħala ġurnalisti.

38. Kull meta xi membru jikser miżura stipulata mill-Kunsill tal-Istatut, tintbagħat twissija lil tali membru.

39. Jekk il-membru jkompli b'tali imġieba, anke wara li jkun rċieva twissija, l-membru jkollu jħares forma ta' kastig. Id-differenza tal-kastig tvarja skont is-serjeta` tal-vjolazzjoni.

40. F'kull ċirkonstanza fejn l-membru jħossu aggravat bil-kastig li ngħatatlu, għandu dritt li jinnotifika l-Kunsill tal-Istatut bil-miktub, sabiex jinbdew proċeduri għas-smiegħ tal-każ fil-konfront tiegħu.

**IL-KUNSILL:**

Kostituzzjoni tal-Kunsill:

41. L-Unjoni tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin għandu jitmexxa minn Kunsill magħmul minn disa' (9) uffiċjali: President, Segretarju Ġenerali, Teżorier, Viċi President, Segretarju Informazzjoni, Assistent Segretarju, Segretarju Responsabbli għas-Sħubija u żewġ membri li jingħataw inkarigu uffiċjali bi qbil magħhom fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill.

42. Il-Kunsill jibqa' fil-karigu għal perjodu ta' sentejn.

43. Il-President, is-Segretarju Ġenerali, u t-Teżorier għandhom jinħatru fil-Laqgħa Ġenerali. Dawn it-tlett karigi jissejħu 'l-uffiċjali' għal kull buon fini. Il-karigi l-oħra, ċioe dawk ta' Viċi President, Segretarju Informazzjoni, Assistant Segretarju, Segretarju Responsabbli mis-Sħubija u żewġ membri oħra għandhom jinħatru fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill.

44. Il-Kunsill għandu jiltaqa' minn tal-inqas darba fix-xahar.

45. Is-Segretarju Ġenerali, bi qbil mal-President, għandu jsejjaħ il-laqgħat tal-Kunsill. L-avviz tal-laqgħa, imqar f'forma elettronika għandu jintbagħat minn tal-inqas tlett ijiem qabel id-data tal-laqgħa.

Kworum għal-Laqgħat:

46. Il-kworum għal-laqgħat tal-Kunsill huwa ta' wieħed aktar min-nofs tal-membri tal-Kunsill, ċioe` ta' 5 membri. Tnejn minn dawn il-voti għandhom ikunu mingħand uffiċjali.

47. Fin-nuqqas tal-preżenza tal-President fil-laqgħa tal-Kunsill, il-laqgħa għandha titmexxa mill-Viċi President, is-Segretarju Ġenerali jew it-Teżorier f'dik l-ordni. Iżda, il-President biss għandu d-dritt tal-'*casting vote'*.

48. Jekk ma jintlaħaqx il-kworum fil-laqgħa, il-laqgħa għandha tieqaf immedjetament, u s-suġġetti li kellhom ikunu diskussi jkunu l-ewwel suġġetti fuq l-aġenda tal-laqgħa li jkun imiss.

Nuqqas ta' attendenza / reżenja ta' membru tal-Kunsill għal-laqgħat:

49. Kull membru tal-Kunsill li jonqos li jattendi tlett laqgħat konsekuttivi mingħajr raġuni valida għandu jiddekadi minn membru. Il-post vakat għandu jimtela' mill-persuna li tkun kisbet l-akbar numru ta' voti wara l-membri eletti fl-aħħar laqgħa ġenerali.

50. Fil-każ ta' reżenja ta' membru tal-Kunsill, il-post vakat għandu jimtela' mill-persuna li tkun kisbet l-akbar numru ta' voti wara l-membri eletti fl-aħħar Laqgha Ġenerali.

51. Jekk fi kwalunkwe każ ma jkunx hemm individwu li jkun jista' jieħu l-post vakat, il-Kunsill jista' jaħtar persuna hu li tkun ideonea għal l-inkariga in kwistjoni.

52. F'każ ta' reżenja, il-membru għandu jinforma lill-Kunsill bil-miktub bid-deċizjoni tiegħu. Jekk il-membri kollha tal-Kunsill jirreżenjaw en bloc, il-President għandu jsejjaħ Laqgħa Ġenerali

Straordinarja fi żmien ġimgħatejn jew Laqgħa Ġenerali Annwali jekk dan iseħħ fi żmien xahar minn meta suppost tissejjaħ il-laqgħa annwali.

L-irwoli Ġewwa l-Kunsill:

**L-irwol tal-President:**

53. F'kull laqgħa, il-President għandu jassigura li l-laqgħa qegħda ssir skont kif stipulata fl-Istatut.

54. Il-President għandu jippresjedi kull laqgħa, inkluż il-Laqgħat Ġenerali.

55. Il-President għandu r-rappreżentanza uffiċjali u legali tal-Unjoni tal-Istitut Ġenerali Maltin.

**L-irwol tas-Segretarju Ġenerali:**

56. Is-Segretarju Ġenerali għandu jgħin il-President fid-doveri tiegħu.

57. Fil-laqgħat tal-Kunsill, inkluż il-Laqgħat Ġenerali, is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli li jżomm il-minuti tal-laqgħat.

58. Is-Segretarju Ġenerali għandu jassigura li x-xogħol assenjat lill-membri tal-Kunsill isir fiż-żmien stipulat.

59. Is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli li jieħu ħsieb il-kuntatti u jirrappreżenta l-Unjoni f'kull kommunikazzjoni legali u uffiċjali.

60. Kull sena, fil-Laqgħa Ġenerali Annwali, is-Segretarju Ġenerali għandu jippreżenta r-Rapport Amministrattiv, li jinkludi ġo fih rendikont tax-xogħol li sar f'dik is-sena mill-membri tal-Kunsill.

61. Is-Segretarju Ġenerali, flimkien mas-Segretarju Responsabbli għas-Sħubija sabiex jikkooperaw mar-Reġistratur tat-Trade Unions meta r-Reġistratur, jew xi ħadd awtorizzat minnu, jordna li jsiru spezzjonijiet tar-Reġistru tal-membri.

**L-irwol tat-Teżorier:**

62. It-Teżorier huwa responsabbli għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Unjoni tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin u jara li tinstab f'qagħda sostenibbli, u jekk ikun possibbli, li s-sitwazzjoni finanzjarja titjieb minn sena għal sena.

63. It-Teżorier għandu r-responsabbilita` li jiddetermina jekk l-Unjoni hijiex eliġibbli għal skemi finanzjarji, u li fondi addizzjonali jinġabru minn skemi apposta maħsuba għal dan l-iskop.

64. It-Teżorier għandu jżomm reġistru bl-informazzjoni dwar id-dħul u l-ħruġ tal-fondi tal-Unjoni. Din l-informazzjoni għandha turi, b'mod veru u sħiħ, l-qagħda finanzjarja tal-Unjoni. It-

Teżorier għandu wkoll jassigura li l-membri li jidhru fuq ir-Reġistru tas-Sħubija għal dik is-sena ikunu diġa` ħallsu s-sħubija tagħhom għal dak il-perjodu.

65. It-Teżorier għandu jagħti rendikont tal-qagħda finanzjarja tal-Unjoni kull tlett xhur, jew kull meta jkun mitlub jagħmel dan mill-Kunsill.

66. It-Teżorier ma jistax jonfoq aktar minn €100 mingħajr il-kunsens tal-Kunsill. Ċekkijiet maħruġa mill-Unjoni għandhom ikunu ffirmati mit-Teżorier u uffiċjal ieħor tal-Kunsill.

67. L-Unjoni tal-Istitut Ġurnalisti Maltin mhuwiex responsabbli għad-djun li jkun għamel it-Teżorier f'isem l-Unjoni jekk tali djun ma jkunux awtorizzati speċifikament mill-Kunsill. Din l-awtorizzazzjoni għandha tkun mnizzla fil-minuti tal-laqgħa meta tkun ingħatat. Jekk ma tkunx imniżżla, għandu jitqies qisu qatt ma ingħata.

68. Kif provdut f'provizjonijiet numru 16 sa 20 tal-Istatut, it-Teżorier għandu r-responsabbilita` li jżomm l-accounts tal-Unjoni, u li jassigura li r-rekords jipprovdu ħarsa vera u xierqa tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Unjoni. It-Teżorier għandu l-obbligu, wkoll, li jistabilixxi u jżomm sistema għall-kontrollar tar-rekords tal-kontijiet tal-Unjoni u tal-flus, dħul u rimessi tal-Unjoni.

**L-irwol tal-Viċi President:**

69. Il-Viċi President għandu jassumi r-responsabbilitajiet kollha tal-President meta dan ikun indissponibbli.

70. Il-Viċi President għandu r-responsabbilta` li jamministra l-funzjonijiet ġenerali tal-Unjoni.

71. Il-Viċi President huwa nkarigat sabiex jimplementa kull strateġija meħtieġa, li toħroġ mill-laqgħa ġenerali, bl-għan li jaħdem lejn l-għanijiet tal-Unjoni.

**L-irwol tas-Segretarju tal-Informazzjoni:**

72. Is-segretarju tal-informazzjoni għandu jimmaniġja l-isfera amministrattiva billi jwettaq bosta xogħolijiet u dmirijiet amministrattivi neċessarji, fosthom:
    a. Tweġib tat-telefowns
    b. Kontrollar tas-software
    c. Kontrollar tal-iskedi eżekuttivi
    d. Organiżżar tal-laqgħat inkluż l-loġistika ta' tali laqgħat
    e. Immaniġjar tar-rekords inter alia minuti tal-laqgħat, termini ta' referenza, emails
    f. Kontrollar tal-preżenza tal-Unjoni online via midja soċjali u websajts

**L-irwol tal-Assistent Segretarju:**

73. L-Assistent Segretarju għandu l-irwol li jwettaq x-xogħolijiet u dmirijiet taħt id-direzzjoni tal-Assistent Ġenerali, fosthom:
    a. Jissostitwixxi s-Segratarju Ġenerali meta u kif meħtieġ mis-Segretarju Ġenerali
    b. Jgħin lis-Segratarju Ġenerali fl-iżvilupp u s-sostenn ta' din l-Unjoni

c. Jagħti pariri fejn meħtieġ, speċjalment waqt l-laqgħat
d. Jkun ta' appoġġ lis-Segretarju Ġenerali fis-salvagwardja ta' miżuri u regoli stipulati mill-Kunsill
e. Iwettaq kull dmir addizzjonali u neċessarju kif meħtieġ mis-Segretarju Ġenerali

**L-irwol tas-Segretarju Responsabbli għas-Sħubija:**

74. Is-Segretarju Responsabbli għas-Sħubija huwa responsabbli li jagħmel u jżomm aġġornat lista tal-membri kollha tal-Unjoni.

75. Il-lista tal-membri msemmija fil-proviżjoni preċedenti għandha tinkludi minn tal-inqas is-segwenti dettalji:
    a. L-isem u l-kunjom ta' kull membru;
    b. Id-data ta' meta għamel is-sħubija tiegħu;
    c. Id-data ta' meta tħallset l-aħħar is-sħubija tiegħu;
    d. In-numru tal-Karta tal-Identita' jew numru tal-Passaport tal-individwu
    e. L-address tad-dar tal-individwu; u
    f. Il-professjoni jew okkupazzjoni tal-individwu.

76. Din il-lista tal-membri għandha tiġi aġġornata b'mod regolari mis-Segretarju Responsabbli ghas-Sħubija.

77. Ai termini ta' provizjoni 32 tal-Istatut, meta t-terminu tal-isħubija tal-membru ma jiġix mġedded fil-ħin, is-Segretarju Responsabbli għas-Shubija għandu jibgħat ittra bil-miktub jew email lill-membru in kwistjoni mill-iktar fis possibbli sabiex jinfurmah li jekk s-sħubija tiegħu ma tiġix mħallsa u mġedda fi żmien tlett xhur mid-data ta' meta kellha tiġġedded is-sħubija, dan awtomatikament jitneħħa mil-lista tal-membri.

78. Is-Segretarju Responsabbli għas-Sħubija, flimkien mas-Segretarju Ġenerali, għandu jikkoopera mar-Registratur tat-Trade Unions meta r-Registratur, jew xi ħadd awtorizzat minnu, jordna li jsiru spezzjonijiet tar-Reġistru tal-membri.

Provizjonijiet Ġenerali:

79. Kull sena, kull membru tal-Kunsill għandu jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu matul is-sena. Dawn ir-rendikonti għandhom jindaħlu sa minn tal-inqas xahar qabel l-Laqgħa Ġenerali Annwali. Dawn ir-rapporti għandhom jgħinu lis-Segretarju Ġenerali sabiex jifforma r-Rapport Amministrattiv, li sussegwentament għandu jinqara fil-Laqgha Generali Annwali.

80. Il-Kunsill jista' jaħtar membri oħra permezz ta' *co-option*.

81. Il-Kunsill jista' jagħmel ħatriet onorarji li ma jkunux ta' natura eżekuttiva. Dawn il-ħatriet huma soġġetti għall-approvazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali Annwali fuq riżoluzzjoni mressqa mill-Kunsill.

82. Il-Kunsill jista' jaħtar kummissjonijiet bi skop speċifiku jew fuq bażi permanenti sabiex jgħinuh fix-xoghol tiegħu. Dawn il-kummissjonijiet għandhom jaħdmu b'kollaborazzjoni stretta mal-Kunsill.

83. Il-Kunsill għandu dritt jiddeċiedi fuq kull materja oħra li mhux imsemmi fl-Istatut.

**ELEZZJONIJIET TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL:**

84. L-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill għandha ssir kull sentejn.

85. Kif diġa` ġie pprovdut f'provizjoni numru 33 tal-Istatut, il-Kunsill għandu jkun magħmul minn disa' membri.

86. Il-kworum għal Laqgħa Ġenerali sabiex issir l-Elezzjoni tal-Membri tal-Kunsill ma tistax tkun inqas minn terz tal-membri aġġornati fil-ħlas tas-sħubija. Jekk ma jkunx hemm kworum, il-laqgħa tibda kwarta (ħmistax-il minuta) tard bil-membri preżenti.

87. L-elezzjoni għandha titmexxa minn Chairman li jinħatar dakinhar tal-Laqgħa. Iċ-Chairman għandu jkollu l-għajnuna ta' żewġ tellers li wkoll jinħatru dakinhar.

Dritt biex tivvota:

88. Sabiex membru jkollu dritt jivvota jew joħroġ għall-elezzjoni għall-Kunsill irid ikun ilu membru għal minn tal-inqas tlett xhur qabel il-Laqgħa Ġenerali meta ssir l-elezzjoni.

89. Il-votazzjoni għall-membri tal-Kunsill għandhom ikunu b'vot sigriet.

90. Voti bi prokura mhumiex aċċettati.

91. Membri għandhom jingħataw avviż minn tal-inqas gimgħatejn minn qabel li ħa ssir l-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jissottomettu n-nominazzjoni tagħhom.

92. Kull membru jista' jikkontesta għal aktar minn kariga waħda. Jekk ikun elett f'xi kariga, in-nomina fil-karigu/karigi l-oħra awtomatikament jaqgħu.

93. In-nominazzjonijiet kollha għandhom jaslu għand il-Kunsill ġimgħa qabel l-elezzjoni.

94. Il-Membri kollha għandhom ikunu notifikati bid-data tal-Laqgħa Ġenerali ġimgħatejn qabel id-data stabbilita.

95. Kull membru tal-Istitut, jista' jikkontesta elezzjoni tal-Kunsill, ħlief dawk li għandhom kariga uffiċjali f'xi organizzazzjoni oħra jew partit politiku fuq livell nazzjonali jew internazzjonali.

X'għandu jsir fil-Laqgħa Ġenerali Annwali:

96. Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali, is-Segretarju Ġenerali għandu jaqra r-Rapport Amministrattiv u t-Teżorier għandu jaqra r-Rapport Finanzjarju ta' dik is-sena.

97. Jekk dik is-sena jkun jonqos li jkun hemm l-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill, wara li jinqraw r-rapporti s-Segretarju Ġenerali u t-Teżorier, ssir l-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill.

98. Wara l-elezzjoni, għandhom jinħatru żewġ reviżuri għas-sena ta' wara minn fost il-membri tal-Istitut.

**EMENDI FL-ISTATUT:**

99. Kull mozzjoni jew emenda tal-Istatut għandu jkun diskuss waqt il-Laqgħa Ġenerali.

100. Talba għall-emenda tal-istatut tista' jew tissuġerixxi bidliet parzjali ta' provizjonijiet partikolari fl-istatut, jew inkella titlob li jsir sostituzzjoni tar-regoli kollha tal-istess statut.

101. Il-mozzjoni jew emenda proposta għandha tasal għand il-Kunsill mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel id-data tal-Laqgħa Ġenerali jew il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja. Il-membri kollha għandhom jirċievu kopja tal-proposta sa ġimgha qabel id-data tal-Laqgħa.

102. Sabiex emenda fl-Istatut tiġi approvata waqt Laqgħa Ġenerali biżżejjed li jkun hemm vot ta' maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti.

103. Kull emenda fl-Istatut għandha tiġi rreġistrata mar-Reġistratur tat-Trade Unions fl-inqas żmien possibbli. Din ir-reġistrazzjoni għandha ssir minn sebgħa membri tal-Kunsill. L-emenda ma tkunx tista' tieħu l-effett sakemm tiġi rreġistrata mar-Reġistratur tat-Trade Unions. Dan in konformita' ma' Artikolu 54(3) tal-Kap 452 (L-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali).

Vot ta' Sfiduċja:

104. Vot ta' sfiduċja fil-Kunsill għandu jsir f'Laqgħa Ġenerali, inkluż Laqgħa Ġenerali Annwali, permezz ta' vot sigriet fejn jintlaħaq maggoranza semplici tal-membri preżenti.

105. Jekk il-vot ta' sfiduċja tgħaddi, il-Kunsill jibqa' jservi ad interim, iżda jkun marbut li fi żmien xahar mid-data li jkun għadda l-vot ta' sfiduċja, tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

Xoljiment:

106. Mozzjoni sabiex isir ix-xoljiment tal-Unjoni għandu jiġi ntavolat waqt Laqgħa Ġenerali, inkluż Laqgħa Ġenerali Annwali.

107. Għal mozzjoni għax-xoljiment tal-Unjoni, għandu jkun hemm vot ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-membri preżenti għal-laqgħa sabiex tiġi approvata.

108. Jekk ikun il-każ li tgħaddi l-mozzjoni għax-xoljiment tal-Unjoni, il-Kunsill għandu jieħu l-passi neċessarji immedjetament sabiex jitħallsu d-djun kollha tal-Unjoni. Il-Kunsill għandu wkoll jiddisponi mill-flus u l-proprjeta` li jkun għad fadal f'isem l-Unjoni bil-mod ta' kif ikun determinat fil-Laqgħa Ġenerali.

109. F'każ li fil-Laqgħa Ġenerali ma jiġix determinat kif għandu jiġi dispensat ċertu proprjeta` jew fondi tal-Unjoni, dawn għandhom jiġu mogħtija b'donazzjoni lil Organizzazzjoni Volontarja li mhix intiża tagħmel profitt, u li jkollha bħala għan tagħha l-karita`.

110. Wara li d-djun jkunu mħallsa, u l-flus u l-proprjeta` dispensati, l-Unjoni tiġi meqjusa għal kull buon fini bħala xolta.

111. Wara li proprjeta` u l-flus tal-Unjoni jiġu dispensati, il-President tal-Unjoni għandu jinforma lir-Reġistratur tat-Trade Unions mill-iktar fiss possibbli li l-Unjoni hija xolta. Dan ai termini tal-Ligi Sussidjarja 452.16 fuq ir-Regolamenti dwar it-Trade Unions u Assoċjazzjonijiet ta' Prinċipali

**LAQGĦA ĠENERALI STAORDINARJA:**

112. Il-Kunsill jista' jsejjaħ Laqgħa Generali Straordinarja meta jħoss il-ħtieġa.

113. Il-Kunsill għandu jagħti avviż ta' minn tal-inqas ħamest ijiem lill-membri kollha li ħa ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarja f'data stipulata.

114. F'każ ta' Laqgħa Ġenerali Straordinarja, il-perjodi ta' żmien imsemmija fi klawsoli oħra f'dan l-istatut għandhom jonqsu għall-erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-ħin stipulat għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

115. Laqgħa Ġenerali Straordinarja tista' ssir minn talba ta' minn tal-inqas żewg terzi tal-membri tal-Istitut. Jekk ikun hemm din it-talba, għandha ssir bil-miktub u fit-talba jrid ikun hemm stipulat ukoll r-raġuni għalfejn qed tintalab. It-talba trid tiġi ffirmata mill-membri kollha li qegħdin jagħmlu din it-talba, u għandhom jindikaw ukoll in-numru tat-tessera tas-sħubija tagħhom.